**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Frar, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 985/2020 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1397/2020 fl-ismijiet:

**Avukat Peter Caruana Galizia**

**Matthew Caruana Galizia**

**Andrew Caruana Galizia**

**u**

**Paul Caruana Galizia**

**vs**

**Jorgen Fenech**

**Melvin Theuma**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

**u**

**Vincent Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Yorgen Fenech li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet illi:

1. Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru odjern null ai termini tal-artikolu 376(2)(e) tal-Kap. 12;

2. Minghajr pregudizzju ghal premess, tiddikjara li mhuwiex ragonevoli li jinzamm is-sehh il-mandat ta' sekwestru odjern jew parti minnu jew li dan il-mandat jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(b) u/jew 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) tal-Kap. 12;

3. Tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' sekwestru odjern in toto jew in parti u dana taht dawk il-kondizzjonijiet li tista' tqis xierqa; u/jew

4. Tordna lil banek sekwestratarji sabiex ma jissekwestrawx il-hwejjeg elenkati fl-artikolu 381 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu penali ai termini tal-artikolu 836(8)(b)(c) u (d) tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta tal-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Yorgen Fenech qieghed jitlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront tieghu fuq talba tal-Avukat Peter Caruana Galizia u wliedu Andrew, Matthew u Paul sabiex dawk jikkawtelaw pretensjoni taghhom fil-konfront ta' Yorgen Fenech, Melvin Theuma, George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat, liema pretensjonijiet tinsab digà dedotta f'kawza mibdija. F'din il-kawza l-Avukat Caruana Galizia u wliedu qed ifittxu lil Yorgen Fenech ghad-danni lilhom kagunati wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, mart is-sekwestrant l-Avukat Peter u omm is-sekwestranti l-ohra.

Il-principji li jirregolaw proceduri ta' din ix-xorta huma assodati fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Essenzjalment, l-ezami li taghmel din il-Qorti fuq il-mertu jibqa' bilfors limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-ezami profond tal-vertenza jibqa' rizervat ghall-Qorti fis-smiegh tal-kawza principali. Inoltre, jibqa' dejjem senjalat illi l-Qorti ma tiskartax leggerment il-jedd ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi, tenut kont ukoll tal-insenjament illi kull mandat jinhareg fuq ir-responsabilità ta' min talbu.

Kif ritenut fil-proceduri Camilleri vs Govè (10 ta' Mejju 2001) u Sammut vs Sammut (29 ta' Novembru 2001):

> *"... mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza*

*proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Ukoll fil-proceduri Chetcuti vs Chetcuti (27 ta' Gunju 2002):

*"... fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – tat-30 ta' Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta' Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia)".*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjoni CMK vs Beacon Light (15 ta' Settembru 2015) u r-rassenja ta' gurisprudenza hemm elenkata.

Applikat dan l-insenjament ghal vertenza odjerna, il-Qorti tibda biex tinnota illi tqis li l-kwistjoni tan-nullità tal-mandat m'ghandhiex postha. Proceduri fil-kuntest tal-Art. 836 ghandhom jinkwadraw f'wiehed jew iehor mis-subinciz tal-Artikolu stess. Ebda wiehed mill-istess subinciz ma jipprovdi ghal skrutinju ta' nullità o meno.

Ir-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu wkoll fuq l-Art. 836(1)(b) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju f'kaz:

*"li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;"*

Huwa ritenut fil-kuntest illi:

> *"Il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-paeruna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilità tal-persuna li tkun talbitu."*
>
> *...*
>
> *Fi kliem dik id-dispozizzjoni, r-raguni li ghaliha mandat kawtelatorju jitnehha, kollu jew f'bicca minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fic-cirkostanzi bejn il-waqt li jkun inhareg il-Mandat u z-zmien meta ssir it-talba ghat-thassir tieghu. Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li l-mandat ikun inareg sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-sehh[1]."* – (Mangion Galea vs Stewart – 29 ta' Lulju 2005).

F'dan il-kaz ma ngabet lil din il-Qorti ebda prova ta' bidla fis-sens li trid il-ligi. Il-pretensjoni kienet hemm u hemm ghadha. Il-htigijiet li kkostatat il-Qorti kompetenti li harget il-mandat ma nbidlux. Ghalhekk taht dan il-kap ir-rikorrenti ma jistax jitqies li ghandu ragun.

Ir-rikorrenti isejjes it-talba tieghu wkoll fuq il-provedimenti tas-subincizi (d) u (f) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *...*

[1] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Avukat Tonio Fenech noe vs Avukat Patrick Spiteri pro et noe

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti, in vista tal-argumenti mressqa mir-rikorrenti qeghda tqis iz-zewg ragunijiet flimkien.

Yorgen Fenech jargumenta li s-somma mitluba hija eccessiva ghaliex fir-rikors guramentat mhijiex qeghda tintalab ic-cifra ta' hames miljun Ewro, u lanqas ma ntwera ebda dokument li jista' jwassal ghal verifika ta' tali cifra.

Kif irriteniet il-Qorti fil-proceduri Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International Limited (30 ta' Ottubru 2003):

*"Fil-hrug ta' atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi ppruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intixzi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbilit jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skond il-provvedimenti tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. In oltre l-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta' pregudizzju lir-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat.[2]"*

Sabiex jigi effettivament stabbilit l-ammont ta' danni kawzati ikun jinhtieg li jsir ezami dettaljat mill-Qorti u tali ezami jmur ferm oltre minn dak li mistenni mill-Qorti f'din il-procedura. Il-Qorti tkun qed tezorbita mill-mansjonijiet taghha a tenur tal-Art. 836.

Ir-rikorrenti Yorgen Fenech jargumenta wkoll illi l-mandat mhuwiex gustifikat ghaliex mandat simili fil-konfront ta' Melvyn

[2] Rikors numru 715/2003; sentenza datata 30 ta' Ottubru 2003.

Theuma gie rtirat mill-istess familja Caruana Galizia ghar-raguni li nghatat kawtela alternattiva. Din il-Qorti ma tifhimx il-hsieb wara dan l-argument. Apparti l-fatt li mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Melvyn Theuma laqat lista' shiha ta' proprjetajiet immobbli, kawtela rigwardanti konvenut wiehed fil-kawza ma tipprovdi ebda serhan il-mohh ghas-sodisfazzjon tat-talba fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Ir-rikorrenti qed jitlob ukoll lil din il-Qorti timponi penali a tenur tal-Art. 836 (8)(b)(c) u (d).

Fil-kuntest tal-imposizzjoni ta' penali irid jinghad illi:

> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sdisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward, u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."* - (Joseph Tabone vs Capece Construction Limited – 14 ta' Awwissu 2013.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma tirriskontra ebda cirkostanzi li trid il-ligi li jistghu jiggustifikaw l-imposizzjoni tal-penali.

Finalment ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti tordna lill-Banek biex ma jissekwestrawx il-hwejjeg elenkati fl-Artikolu 381 tal-Kap. 12. Apparti l-fatt illi ma ntweritx lill-Qorti ebda prova li qed issir xi haga kontra l-ligi mill-banek, din il-Qorti hi

tal-fehma illi jekk dan hu l-kaz l-ilment ghandu jigi ndirizzat lill-banek fi proceduri appoziti.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha ta' Yorgen Fenech.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF